**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/24**
**Data:** It-Tnejn, 1 ta' Lulju 2024
**Ħin:** 5:47pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku
Enya Abela - Kunsillier
Christian Attard - Kunsillier
Anton Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**07.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**07.02** **Aċċettazzjoni tal-karigi ta' Sindku u Viċi-Sindku;**
**07.03** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija mressqa. | |

**07 3 Aċċettazzjoni tal-karigi ta' Sindku u Viċi-Sindku;**
Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 3 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Il-laqgħa fetħet mis-Segretarju Eżekuttiv b'introduzzjoni qasira. | |
| | | Giardina | Is-Sur Ivan Giardina staqsa lis-Sur Raymond Caruana jekk dan jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku u dan wieġeb li iva jaċċetta din il-kariga. Wara staqsa lis-Sa. Joan Agius jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku u wieġbet li iva taċċetta din il-kariga. | |
| | | Viċi-Sinkdu | Is-Sur Raymond Caruana għamel diskors fejn irringrazzja lil kulħadd u talab li jsib kooperazzjoni b'għan wieħed, dak li naħdmu għaż-Żejtun. | |
| | | Sindku | Is-Sa. Joan Agius għamlet id-diskors tagħha. Irringrazzjat lil dawk kollha li ffurmaw parti mill-Kunsill ta' qabel u ferħet lill-membri eletti ġodda. Qalet ukoll li d-dekasteri hekk kif imqassma diġa bdew jaħdmu. Talbet li għandna naħdmu għal għan wieħed favur iż-Żejtun. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Sindku | Is-Sindku qalet li s-Sur Tonio Farrugia ser ikun qed jieħu ħsieb il-mobile app u l-website tal-Kunsill. Żiedet li l-posts fuq il-paġna ta' Facebook jitilgħu b'mod uffiċjali mill-Kunsill u wara l-kunsilliera jixxerjawhom fuq il-profili personali tagħhom. | |
| **07** | **11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Luljuju 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |